**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 31 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Nru: 747/2023 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1666/2020 fl-ismijiet:

**Western Company Ltd (C-19994)**

**vs**

**Sergio Banavage**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Sergio Banavage, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 1666/2020 fl-ismijiet premessi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Western Company Limited.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Sergio Banavage qieghed jitlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu fil-25 ta' Novembru 2020 minn Western Company Limited sabiex din tal-ahhar tqieghed fis-sod kreditu taghha skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat fil-15 ta' Jannar 2020.

Sergio Banavage isejjes it-talba tieghu fuq l-Art. 836(1)(a)(d) u (f) li jipprovdi testwalment ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

*(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*

*…*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

…

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Jirrizulta illi fil-5 ta' Lulju 2022 it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar ippronunzja sentenza fil-konfront ta' Sergio Banavage li permezz taghha huwa gie kkundannat ihallas lis-socjetà sekwestranti s-somma ta' €2500. Din is-somma giet depozitata fil-Qorti mis-sekwestrat u regolarment zbankata.

It-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar, biex wasal ghas-sentenza tieghu, qies kemm il-kuntratt imsemmi ta' kostituzzjoni ta' debitu kif ukoll in-negozju tal-vetturi partikolari li wassal ghall-istess kuntratt. Kien b'hekk li kkonkluda li Sergio Banavage kien debitur biss fl-ammont ta' €2500, li fil-fatt sa issa thallsu u gew ricevuti.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk il-Qorti tqis li l-mandat mhuwiex aktar gustifikabbli u qed tordna thassir tieghu skond kif jipprovdi l-Art. 836(1)(f).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors ta' Sergio Banavage u thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1666/2020.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn Western Company Limited.

IMHALLEF